MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Numru 857/2003

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Joseph Camilleri, iben Paul
imwieled Pieta' fl-1 ta' frar,
1972
u
Mikiel Anglu Mamo, iben
Emanuel, imwieled Senglea
fit-23 ta' april, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-18 ta' settembru, 2003 għal ħabta ta' bejn is-2.00 p.m. u it-3.30 p.m., fil-Belt, Valletta ikkomettew serq ta' vettura tal-marka Volkswagen Beetle, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAI 623, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-mitt lira maltin (Lm100) u bix-xorta tal-

ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Verginia Schembri mill-Belt, Valletta;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassru għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hi ta’ iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500) u cioe’ fl-imsemmija vettura tal-marka Vollkswagen Beetle, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAI 623, għad-dannu ta’ Verginia Schembri, mill-Belt, Valletta;

3. talli f’dawn l-aħħar jiem f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;

4. talli f’dawn l-aħħar jiem f’dawn il-Gżejjer, malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqsu li jgħarrfu lill-pulizija b’dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kienu saru jafu;

5. tallu saru reċidivi skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

6. talli fit-18 ta’ settembru, 2003, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer, saqu vettura tal-għamla Volkswagen Beetle, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAI 623, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqu l-istess vettura mingħajr ma kellhom liċenzja speċifikata biex isuqu l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienux koperti b’polza ta’ assikurazzjoni għar-riskji ta’ terżi persuni;

lil Mikiel Anglu Mamo, waħdu -

7. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta’ lulju, 2002 fejn ġie misjub ħati ta’ reat u liberat taħt il-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin;

8. talli kkometta diversi reati li għalihom hemm il-piena ta’ priġunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża, datata 12 ta’ marzu, 2003, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' jannar, 2006 fejn l-imputat Joseph Camilleri ddikjara li kien hu li wettaq ir-reati meritu ta' dan il-każ u li l-imputat Mikiel Anglu Mamo ma kellhu xejn x'jaqsam ma dan il-każ.

Semgħet lill-avukat ta' Joseph Camilleri dwar il-piena, lill-avukat ta' Mikiel Anglu Mamo dwar in-nuqqas ta' l-involviment tiegħu f'dan il-każ u lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat Mikiel Anglu Mamo ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Ma ssibx lill-imputat Joseph Camilleri ħati tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Minbarra dan tissospendi kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena minn meta jispiċċa jiskonta l-piena karċerarja. Fiċ-ċirkostanżi li jinsab fihom l-imputat tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva biex jagħmilha possibbli li jsegwi kors għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------